# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta 15 ta' Novembru 2022

## Talba numru 236/2022 SFJ

**RONALD GALEA,** FIL-KWALITA'TIEGHU TA' AMMINISTRATUR TAL-CONDOMINIUM

BIN-NUMRU 1064, MONTRALE COURT, BLOCK E, TRIQ APAP BOLOGNA, MARSASCALA, TA' SAN TUMAS, BLK B2, APT B2, TRIQ IL-GANDOFFLI, M'SCALA

**VS.**

**JOSETTE BERRY**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Awissu 2022 li permezz tiegħu l-attur ippremetta w talab:

> "*Illi il-Kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' sehemha tal-mezata minnha dovuta fl-ammont ta' EUR626.16, sitt mija w sitta w ghoxrin Ewro u sittax-il centezmu, in konnessjoni mal-appuntament numru erbgha (4), fl-imsemmi blokk li jismu 'Montuale Court', Block 5, Triq Apap Bologna, Marsascala, u dan skond kif diga' giet mitluba ghall-perjodu li ghalqu fit-28 ta' Mejju 2021 sal-2022 u fit-28 ta' Mejju 2022 sal-2023.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali tal-14 ta' April 2022, kontra il-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha".*

Ra li l-konvenut gie notifikat fis-17 ta' Awissu 2022, skont Fol 4.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Gie pprezentat Kapitolu fil-4 ta' Ottubru 2022 *seduta stante*.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Oltre li x-xhieda tal-attur, Ronald Galea, hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjon. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta' EUR626.16, (sitt mija w sitta w ghoxrin Ewro u sittax-il centezmu. ) Ma ntalabx imghax skont l- Avviz.

Il-konvenut huwa wkoll ordnat ihallas lill-attur l-ispejjez ta' din il-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-Ittra legali tal-14 ta' April 2022.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**